QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI .

ONOR. IMHALLEF DOTTOR JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2002.

Appell Nru. 193/2001 (PV) JGD.

IL-PULIZIJA.

(Spettur Alexander Miruzzi)

vs.

JOSEPH BELLIZZI.

Il-Qorti ,

Rat l-akkuza kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-5 ta' Marzu, 2001, ghall-habta tal-10 a.m. , waqt li kien fuq il-bahar fi stagun maghluq ghall-kacca fuq il-bahar , vicin il-Gzira ta' Filfla , kellu fil-pussess jew kontroll tieghu arma tan-nar tal-marka Fabarm s.n. 565787 u munizzjon , u aktar talli fl-istess data , hin u post u cirkostanzi , ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghasafar minn fuq il-bahar fuq opra tal-bahar numru tar-registrazzjoni S11217 minghajr ma kellu licenzja ghal kacca fuq il-bahar mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija bit-talba lil Qorti li barra milli taghti l-piena stabilita, tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti , kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-licenzji kollha tal-kacca ghal mhux inqas minn sena.

Rat is-Sentenza moghtija mill-istess Qorti fil-15 t'Ottubru , 2001 li biha , billi l-akkuzi ma jreggux fil-kaz tal-appellat , iddikjaratu mhux hati u illiberatu minn kull htija u piena.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali minnu prezentat fid-29 t'Ottubru, 2001 , fejn talab li din il-Qorti thassar u tannulla is-sentenza appellata u minnflok , wara li jinstemghu il-provi , issib u tiddikjara htija tal-istess appellat f'dawn l-akkuzi u tinfliggi l-piena skond il-ligi , inkluza l-iskwalifika temporanja tal-licenzja ghal skop ta' kacca.

Rat illi l-aggravji tal-Avukat Generali fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti : billi l-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi kwantu jirrigwarda l-elementi tar-reat ta' pussess jew kontroll ta' arma tan-nar u munizzjon waqt li wiehed ikun fuq il-bahar fi stagun maghluq ghall-kacca fuq il-bahar b'mod li allura dik il-Qorti ma setghetx legalment u ragonevolment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha u dana meta iddecidiet li ma jistax jissussisti ir-reat kontra r-regolamenti tal-kacca minn min ikun qieghed jistad fuq il-bahar fi stagun maghluq ghalkemm f'dak il-hin ikollu fil-pussess tieghu arma u munizzjon u li l-ewwel Qorti erronjament irriteniet li galadarba dak li jkun ikollu licenzja sabiex gorr arma, alllura jista anki igorr dik l-arma u munizzjon impunement anki fuq il-bahar fi stagun maghluq ghal kacca fuq il-bahar. Li l-ewwel Qorti ma afferratx il-portata tal-ligi in materja fl-interpretazzjoni tar-Regolament 9 (1) (f) fl-Avviz Legali 146/93 b'kuntrast ma reat iehor kontemplat fir-regolament 9 (2) (c) li pero' hu applikabbli biss barra mill-istagun maghluq ghat-tehid u kacca tal-ghasafar minn fuq il-bahar u illi l-ewwel Qorti ma qiesetx ir-regolament 4 tal-istess Avviz Legali 146 tal-1993 kif emendat bl-avviz legali 107 tas-sena 2000 li kien proprju intiz sabiex jemenda u jiccara il-kliem tal-ligi kontenut fl-imsemmi regolament 9 (1) (f) tal-A.L. 146/1993.

Rat il-verbal tal-14 ta' Marzu, 2002 li bih il-Prosekuzzjoni u d-difiza qablu li bhala fatt, mhux kontestat li fuq il-luzzu tal-appellat instab senter fil-cover u skargat u munizzjon , u li ix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma

kienux semghu tiri qabel ma marru biex jinvestigaw lill-appellat fuq il-luzzu.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u d-difiza

Illi l-appellant qed jikkontendi li r-regolament 9 (1) (f) fuq imsemmi jikkontempla il-kaz ta' min jakkaccja jew jipprova jikkaccja u li hawn ma japplikawx il-kriterji ordinarji li jikkostitwixxu l-elementi tat-tentattiv u ta' min ikun jinsab fuq il-bahar meta fl-itess waqt ikun qieghed igorr arma u munizzjon li jkollhom licenzja ghal kacca u li dan il-pussess hu ghal kollox indipendenti mill-fatt jekk dak li jkun ikollux l-arma tan-nar fl-ghata taghha jew ikollha l-kanna taghha zarmata mill-bqija tal-arma, ghax dan l-attenwant japplika biss barra mill-"closed season" skond ir-Regolament 2 (c)

Illi id-difensur tal-appellat issottomettiet li l-appell hu bazat fuq enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi u mhux fuq kwistjoni ta' apprezzament ta' fatti u ghalhekk dan se mai jista' japplika biss ghall-kaz tal-ewwel akkuza u mhux ghat-tieni akkuza ukoll . Issottomettiet li l-appellat kien jistad u fil-luzzu ma instabux tajr u instab biss pixxispad . Ghalkemm hu minnu li hu ma kellux licenzja "to carry " fuq il-bahar , luzzu hu l-estensjoni tad-dar ghal sajjied . F'kull kaz , ma kienx indikat li l-arma tigi konfiskata.

Ikkunsidrat ;

Illi ir-Regolament 25 (5) tal-istess regolamenti jiddisponi li minkejja d-dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali , l-Avukat Generali jkollu dejjem jedd li jaghmel appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn kull decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) dwar procedimenti rigward reat bi ksur ta' dawn ir-regolamenti . Dan ifisser li l-Avukat Generali jista' anki jappella fuq kwistjoni ta' apprezzament tal-fatti mill-ewwel Qorti u mhux limitat l-ezercizzju tad-dritt tal-appell tieghu ghal kwistjoni ta' interpretazzjoni zbaljata tal-ligi mill-ewwel Qorti

li ir-Regolament 9 (1) (f) tal-Avviz Legali 146/1993 mahrug taht l-Att tal-1991 Biex lhares l-Ambjent jghid testwalment hekk :-

> "Ebda persuna m'ghandha : "matul l-istagun maghluq ghat-tehid u l-kacca ta' l-ghasafar minn fuq il-bahar , tikkaccja jew tipprova tikkaccja , tiehu jew tipprova tiehu , xi ghasfur , jew iggorr waqt li tkun qeghda fuq il-bahar (hlief meta tkun qed taqsam bejn Malta u Ghawdex permezz tat-trasport pubbliku) munizzjon jew arma tan-nar li jkollha licenzja ghall-kacca."

Illi umbaghad ir-Regolament 2 (c) kif emendat bl-Avviz Legali 23 tal-1997 jiddisponi li ;-

> "stagun maghluq " tfisser -
> (c) dwar it-tehid u l-kacca ta' l-ghasafar minn fuq il-bahar , f' kull zmien bejn l-1 ta' Marzu u t-30 ta' Settembru, ta' kull sena."

Ghalhekk id-data tal-allegat ksur tal-ligi mill-appellat , ossia il-5 ta' Marzu, 2001, taqa' entro il-"closed season" ghal kacca minn fuq il-bahar u l-appellat ma kienx zgur qed jaqsam il-Fliegu fuq trasport pubbliku.

Umbaghad , ir-Regolament 6 tal-istess Regolamenti jiddisponi li :-

> "SAKEMM MA TINGIEBX PROVA KUNTRARJA , kull min bejn saghtejn qabel tlugh ix-xemx u saghtejn wara inzul ix-xemx , jew MATUL XI STAGUN MAGHLUQ (emfasi tal-Qorti) , jinstab barra fil-kampanja , sew fuq art tieghu jew ta' haddiehor , jew ukoll mhux fuq dik l-art , JEW META JKUN FUQ IL-BAHAR IGORR ARMA TAN-NAR U MUNIZZJON TAL-KACCA, JITQIES LI F'DAK IL-WAQT KIEN QIEGHED IDUR GHAL-KACCA." (emfasi tal-Qorti).

Illi issa jidher li iz-zewg imputazzjonijiet li bihom gie akkuzat l-appellat jaqghu taht ir-regolament 9 (1) (f) , izda jikkontemplaw zewg sitwazzjonijiet ghal kollox differenti . Tal-ewwel hi li wiehed ikollu fil-

pussess tieghu arma u munizzjon , it-tieni li hu jkun ikkaccja jew ipprova jikkaccja.

Illi ma hemmx dubju li l-ewwel imputazzjoni tirrizulta pruvata mir-rizultanzi u dan anki skond il-verbal registrat mill-Prosekuzzoni u d-difiza .Hemm projbizzjoni assoluta li wiehed igorr arma tan-nar fuq il-bahar waqt il-"closed Season" tal-kacca fuq il-bahar , hlief jekk ikun qed jivvjaggja bil-bahar bejn Malta u Ghawdex u dana BISS fuq trasport pubbliku . Mela din il-projbizzjoni assoluta ma tigix dilwita jew newtralizzata bic-cirkostanza li arma tkun fil-cover jew skargata . Ghalhekk l-Avukat Generali kellu ragun jilmenta mir-ragunament tal-ewwel Qorti meta ikkonsidrat il-fatt li is-senter kien mghotti u skargat bhala fattur biex jinnewtralizza din il-projbizzjoni assoluta. Tali cirkostanza seta' jkollha rilevanza kieku iz-zmien kien barra mill-"closed season" . Inoltre mit-termini tal-licenzja innifisha li kopja taghha giet esebita jidher car li l-appellat qatt ma kellu licenzja li jgorr arma fuq il-bahar ghax it-termini tal-licenzja tieghu kienu "ghall-garr ta' arma tan-nar ghal sport/kacca fuq l-art." Illi l-argument tad-difiza li ghal sajjied il-luzzu hu estensjoni tad-dar tieghu , ma jreggix u l-ligi hi dik li hi u ma tistax tinghata interpretazzjoni laxka fejn il-kliem tal-ligi ma jhalli ebda lok ghal tali interpretazzjoni. Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali in kwantu hu bazat fuq enuncjazzjoni hazina tal-ligi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni jidher fondat u l-ewwel imputazzjoni tirrizulta ampjament pruvata .

Ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni , li tirrigwarda l-akkuza li l-appellat ikkaccja jew ipprova jikkacja fuq il-bahar fiz-zmien tal-istagun maghluq ghal kacca fuq il-bahar , ir-Regolament numru 6 johloq prezuzjoni "juris tantum" .kontra kull persuna li fil-"closed season" tinstab fuq il-bahar iggorr arma u munizzjoni tal-kacca , PERO' , sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju . Issa meta irrizulta li ma instemghu ebda tiri mill-ufficjali tal-Pulizija u li meta dawn resqu fuq l-appellat sabu is-senter gol-cover tieghu u skargat u li dan uriehom li kien fil-fatt qed jistad tant li kellu pixxispad mejjet fil-luzzu , l-ewwel Qorti kellha kull dritt taccetta l-ispjegazzjoni tal-appellat li hu ma kienx qed igorr is-senter ghall-fini ta' kacca izda bhala prekawzjoni .

Ghalkemm din il-Qorti tifhem li tali spjegazzjoni tista' taghti lok ghal skappatoja konvenjenti ghal kull min jinqabad b'arma u munizzjoni abbord, fuq il-bahar waqt l-istagun maghluq, ladarba il-ligi tippermetti li ssir tali prova kontra l-prezunzjoni "juris tantum" kontenuta fir-Regolament 6 , jekk l-ewwel Qorti fuq il-bazi tal-provi mismugha , ikun jidhrilha li din il-prova kontrarja tkun saret ghas-sodisfazzjon taghha , u din il-Qorti ma tkunx thoss li tali apprezament tal-fatti ikun manifestament zbaljat , din il-Qorti m'ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-fatt li jkun sar mill-ewwel Qorti fuq il-provi minnha mismugha u traskritti . Ghalhekk l-aggravju dwar it-tieni imputazzjoni ma jidhirx fondat .

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali limitatament in kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni u , fil-waqt li tikkonferma is-sentenza appellata in kwantu illiberat lill-appellat mit-tieni imputazzjoni , tirrevokha in kwantu sabet lill-appellat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni u in kwantu illiberatu minn kull imputazzjoni u piena ghal din l-imputazzjoni u ,minnflok ,issibu hati tal-ewwel imputazzjoni li fil-5 ta' Marzu, 2001 ghall-habta tal-10 a.m. , waqt li kien fuq il-bahar fi stagun maghluq ghal kacca fuq l-bahar , vicin il-Gzira ta' Filfla, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu arma tan-nar tal-marka Fabarm s.n. 565787 u munizzjon u , wara li rat ir-Regolamenti 9 (1) (f) , 2 (c) u 25 tar-Regolamenti tal-1993 dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u tal-Fenek Selvagg (A.L. 146 ta' l-1993 , kif emendati bl-Avviz Legali 23 ta' l-1997) ,l-Art. 23 u 30 tal-Kodici Kriminali (Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta) , tikkundanna lill-appellat ghall-hlas ta' multa ta' mitejn lira Maltin (LM200) u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni kull licenzja ghaz-zamm jew garr ta' arma tan-nar u munizzjon ghal zmien sena mill-lum u inoltre tordna il-konfiska tas-senter esebit tal-marka Fabarm , numru s. n. 565787 u l-munizzjon li jista' jkun hemm mieghu .

(ft) J. Galea Debono

Paul Miruzzi
Dep/Reg.
06.06.2002